

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 27 ta' Ġunju 2017 – Aldi Einkauf vs EUIPO – Fratelli Polli (ANTICO CASALE)**

(Kawża T-327/16) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea ANTICO CASALE — Raġuni assoluta għal rifjut — Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 7(1)(b), (c) u (g), u l-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009”]**

(2017/C 256/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Lützenrath, U. Rademacher, C. Fürsen u N. Bertram, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Rajh, aġent)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:** Fratelli Polli, SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: C. Bacchini, M. Mazzitelli u E. Rondinelli, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-13 ta' April 2016 (Każ R 1337/2015-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Aldi Einkauf u Fratelli Polli.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 287, 8.8.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2017 – Jiménez Gasalla vs EUIPO (B2B SOLUTIONS)**

(Kawża T-685/16) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea B2B SOLUTIONS — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]**

(2017/C 256/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

**Rikorrent:** Carlos Javier Jiménez Gasalla (Madrid, Spanja) (rappreżentant: E. Estella Garbayo, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-22 ta' Lulju 2016 (Każ R 244/2016-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali B2B SOLUTIONS bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Carlos Javier Jiménez Gasalla huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 410, 7.11.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2017 – Rare Hospitality International vs EUIPO  
(LONGHORN STEAKHOUSE)**

(Kawża T-856/16) <sup>(1)</sup>

[*“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea  
LONGHORN STEAKHOUSE — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)  
(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ugwaljanza fit-trattament u prinċipju ta'  
amministrazzjoni tajba”*]

(2017/C 256/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Rare Hospitality International, Inc. (Orlando, Florida, l-Istati Uniti) (rappreżentant: I. Lázaro Betancor, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Bonne, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-12 ta' Settembru 2016 (Każ R 2149/2015-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjala verbali LONGHORN STEAKHOUSE bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Rare Hospitality International, Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 22, 23.1.2017.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Mejju 2017 – MS vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-17/16) <sup>(1)</sup>

[*“Rikors għad-danni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li ttemm ‘l-ittra ta’ ftehim u ta’ adeżjoni fit-Team  
Europe’ — Responsabbiltà kuntrattwali — Assenza ta’ klawżola ta’ arbitraġġ — Inammissibbiltà  
manifesta”*]

(2017/C 256/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: MS (rappreżentanti: inizjalment L. Levi u M. Vandebussche, sussegwentement L. Levi avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Martínez del Peral, C. Ehrbar u A. C. Simon, aġenti)